# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 3** **20 t'Awwissu 2024**

Il-Kunsill Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Yana Borg Debono Grech
Desirei Grech
Maurizio Gauci
Alfred Attard
Jade England
Rosette Cassar
Luke Vella
Antoine Attard
Stefano Sicari
Karl Cutajar
Marie Claire Zammit Bonello
Gilmour Borg

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Kaylocke Buhagiar

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera kollha eletti: Yana Borg Debono Grech, Desirei Grech, Maurizio Gauci, Alfred Attard, Jade England, Rosette Cassar, Luke Vella, Antoine Attard,

Stefano Sicari, Karl Cutajar, Marie Claire Zammit Bonello u Gilmour Borg. Preżenti wkoll kien hemm is-Sa Mandy Farrugia, is-Segretarju tal-Eżekuttiv.

**3.1. Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

3.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku Desirei Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

3.1.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet ittra waħda ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar.

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

3.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 2 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

3.2.2 Il-Kunsillier Karl Cutajar ikkummenta fuq punt 2.7.2 fejn huwa kien staqsa lis-Segretarja fuq l-iskeda tal-pagamenti u hi weġbitu li l-liġi tgħidlek li l-Aġenda għandha titqassam qabel u mhux il-minuti u l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Karl Cutajar fittex il-liġi fejn il-liġi tgħid: *32.1A Order for the payment of money shall be authorised by resolution of the council and signed by two councillors. The Executive Secretary shall attach a copy of the schedule of payments and a copy of each relative document when forwarding the set agenda.* B'hekk huwa qed iħoss li dawk il-pagamenti ġew 'misguided' għaliex ma mxewx skont il-liġi u huwa jħoss li ma kellux ċans li jaqra s-schedule of payments allura ma jistax japprova l-pagamenti tal-laqgħa ta' qabel. Ma jkunx hemm qbil bejn il-Kunsillier Karl Cutajar u s-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia fuq x'hemm u x'ma hemmx miktub fil-liġi.

3.2.3 Il-Kunsillier Karl Cutajar qajjem punt ieħor fuq is-schedule of payments - huwa kkummenta li jippreferi li jittieħed vot individwali fuq dak il-pagament.

3.2.4 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech tisħaq fuq l-istess punt li ħadd ma dar jistaqsi kunsillier, kunsillier għall-vot tiegħu.

3.7.3 Il-Kunsilliera Rosette Cassar tikkummenta li f'punt numru 2.7.3 hi qalet li ser tapprova l-pagamenti biss jekk tara kollox, imbagħad f'punt numru 2.7.5 hemm miktub li dawn ġew approvati unanimament. B'danakollu hija kkuntattjat lis-Segretarju tal-Eżekuttiv u avżatha b'dan. Is-Sa. Cassar terġa' tisħaq l-istess punt bħall-kunsilliera ta' qabilha li ħadd ma darhom individwalment għall-vot.

3.7.4 Il-Kunsillier Karl Cutajar iħoss li bħala Kunsilliera kienu 'misguided' u li l-problema kienet li webbsu rashom u għamlu payments mingħajr ma kien hemm approval fuqhom. Huwa jisħaq li la l-liġi tgħidlek mod ieħor, huwa għalih kien misguided.

3.7.5 Il-Kunsilliera Rosette Cassar terġa' tikkummenta billi tgħid li l-minuti mhux korretti għax ħadd ma approva unanimament.

3.7.6 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia tgħidilhom li hemm ċans li l-minuti jiġu rranġati. Is-Sa. Mandy Farrugia ħa temenda l-minuti u tikteb li dawk il-pagamenti ma ġewx approvati.

3.7.7 Il-Kunsillier Karl Cutajar jerġa' jikkummenta fuq il-fatt li kienu 'misleaded' għax il-liġi tgħid mod ieħor.

3.7.8 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia tispjega li f'laqgħa li kellhom, huma ntqalu li l-iseda tal-pagamenti m'hemmx bżonn tintbagħat mal-aġenda.

3.7.9 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech tfakkar li kien sar qbil li għal kull issue ser jittieħed vot individwali speċjalment jekk tkun xi issue taħraq.

3.7.10 Il-Kunsilliera Rosette Cassar tistaqsi fuq kif ser tkun irranġatha l-minuta. Hija tgħidilha li l-Kunsilliera tan-naħa tat-tarf tal-mejda u l-Kunsillier Indipendenti m'approvawx il-pagamenti tal-laqgħa li għaddiet.

3.7.11 Jintlaħaq ftehim li mill-pagamenti tal-laqgħa li għaddiet, ser jiġu approvati biss it-tenders u l-pagi, dawk l-affarijiet obbligatorji.

3.7.12 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia tistaqsi min ser japprova l-minuti tal-laqgħa li għaddiet, iżda kemm il-Kunsilliera Rosette Cassar u l-Kunsillier Karl Cutajr jirrimarkaw li minħabba l-punt li tqajjem, l-ewwel iridu jiġu rranġati l-minuti u mbagħad jerġgħu jidhru quddiem il-Kunsilliera u wara jerġa' jittieħed vot fuqhom. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia tispjega li kitbet nota fuq il-minuti oriġinali. Hi u taqra l-ewwel nota, il-Kunsillier Karl Cutajr iwaqqafha għaliex iħoss li mhux korretta n-nota li kitbet.

3.7.13 Il-Kunsilliera Rosette Cassar tispjega li hija l-ewwel waħda tixtieq li tara kollox bil-miktub x'hemm bħala pagamenti għaliex hija kunsilliera ġdida. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia tispjegalha li ġabet magħha kopji tat-tenders.

3.7.14 Intlaħaq ftehim li ssir laqgħa oħra b'urġenza fejn matulha jiġu moqrija l-minuti u jiġu approvati mill-kunsillera preżenti.

**3.3 Matters Arising**

**3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**
Ma kien hemm l-ebda komunikazzoni mis-Sindku.

Matul din il-laqgħa kien hemm is-Sur Chris Vella li tkellem dwar il-proċess tal-awditjar li għalqet fl-2023. Huwa spjega li wara dak il-proċess, bil-liġi rridu nipprovdu risposta fi żmien sitt ġimgħat li tiskadi f'nofs Settembru. Ikkomunika li ġie moqri l-kontenut tar-rapport tal-awdituri u wkoll ir-risposta draft.

Is-Sur Chris Vella tkellem dwar kif l-awdituri elenkaw madwar 5 punti fir-rapport tagħhom u li dawn għamlu nota fuq il-pożizzjoni finanzjarja, fosthom fuq id-dħul, l-ispejjeż, l-inventarju, u fuq dak li għandu jħallas il-kunsill.

Spjega li l-kumitat konġunt li jamministra ċ-ċitazzjonijiet ilu biex jiġi xolt żmien twil. Dan l-aħħar li opera kien fl-2011. Għaldaqstant id-dipartiment irid jara li dan jiġi xolt.

Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech issuġġeriet li tintbagħat ittra lid-dipartiment biex dan jiġi xolt.

Is-Sur Chris Vella kompla jispjega t-tieni punt – id-dħul tal-kunsill, u kif minn żmien għal żmien il-Gvern iniedi skemi ta' finanzjarjament bħal fondi addizzjonali għal proġetti jew attivitajiet speċifiċi bħal Jum Birkirkara jew l-attività tal-moda ta' Charles & Ron. Dan wara li jiġi diskuss fil-Kunsill u mbagħad tiġi applikata skemi ta' fondi

Il-Kunsilliera Rosette Cassar staqsiet kif dawn l-iskemi nsiru nafu bihom u weġbuha li dawn isiru jafu bihom permezz ta' email li tintbagħat lill-kunsilliera kollha.

Is-Sur Chris kompla qal li l-awdituri kkritikawh għax użaw kont flok ieħor, għalkemm hu ma jafx id-differenza bejniethom. Għalhekk kellu jagħmel reclassification adjustment.

Punt ieħor kien dwar l-iStandard tal-accounting li tirrigwardja l-kirjiet, fosthom ta' ġonna u l-kirja prinċipali, dik taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa ġie mitlub li kirja mifruxa fuq numru ta' snin, trid tagħtiha l-valur tagħha u tniżżilha fi ktieb. L-awdituri qed jinsistu li din issir u sostna li din ma saritx għax ma kienx hemm ħin u riżorsi biżżejjed.

Punt ieħor li spjega kien li l-Kunsill ġie jidher li rrekordja spiża doppja, imma mhux hekk ġara. Semma li s-sena l-oħra kien hemm tibdil fil-ġbir tal-iskart domestiku u li ma konniex nafu x'qed jiġri minn dawn il-flus.

Semma li kien hemm €175,000 waqt il-proċess tal-awditjar, li dawn ġew iċċarati u l-awdituri talbuh biex jaġġusta dan l-ammont għax kien hemm xi ammont li diġà kien tħallas mill-Kumitat reġjonali. Talbuh għalhekk biex jirriversjaha u hekk għamel.

Semma li fis-sena finanzjarja ta' qabel ipprovda għat-tiżjin tal-Milied fil-lokalità.

Spjega dwar iż-żamma tal-inventarju tal-assi tal-kunsill. Huwa spjega l-obbligi tal-kunsill, u li ġie appuntat iżomm dan l-inventarju u jikteb nota ta' kollox x'sar biex ikollna r-reġistru f'postu. L-awdituri qed jgħidu li dan mhux biżżejjed għax m'hemmx dettalji biżżejjed, u hu qalilhom li ser jagħmel dak kollu li hu possibbli.

Qalu wkoll li hemm xi bilanċ li għandu jitħallas, u meta daħal jiċċekkja l-invoices sab ftit invoices antiki, iżda l-bqija huma kollha rikorrenti.

Punt ieħor li kkritikaw huwa dwar over-payment (€3,300). Iċċekkja wkoll u sab li huma kollha tal-ARMS.

Spejga wkoll punt ieħor li ġie diskuss, il-Klassifikazzjoni tal-kredituri. Is-Sinjura Sindku staqsiet jekk hemmx xi illegalità u wieġeb li m'hemm l-ebda illegalità, iżda sempliċiment li ġieli jintuża kont flok ieħor.

L-aħħar punt li ddiskutew kien fuq il-preżentazzjoni tal-financial statements. Qal li l-awdituri mhux dejjem ikunu komdi kif dawn jiġu preżentati, u għalhekk nippruvaw nakkomodaw kif meħtieġ, għalkemm mhux dejjem possibbli għax jiddependi minn xi ċirkostanzi. Iżda qal li f'kull suġġeriment, fejn setà dejjem prova jimplimentah.

Spjega wkoll l-Emphasis of matter. Ikkonkluda billi qal li ser jassisti lis-Segretarju eżekuttiv Mandy Farrugia fil-5 ta' Settembru f'laqgħa. Qal ukoll li ser jibqa' għad-dispożizzjoni u joffri l-għajnuna tiegħu fejn hemm bżonn, filwaqt li appella dwar l-iskadenza taż-żmien. Issuġġerixxa li titħejja business plan.

Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tistaqsih jekk il-ħidma attwali biex tnaqqas id-dejn settax tittejjeb. Is-Sur Chris Vella faħħar ix-xogħol li wetqet is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia flimkien mal-Kunsill u rrakkomanda li l-Kunsill jibqa' miexi fuq l-istess passi u li ma jerġax lura għal sistemi tal-passat.

Is-Sinjura Sindku staqsiet jekk hemmx xi domandi dwar dan ir-rapport, imma ma kienx hemm domandi.

Il-kunsilliera vvutaw wieħed wieħed.

3.5.1 Is-Sur Karl Cutajar, Kunsillier li huwa fdat bid-dekasteru ta' Ta' Paris qal li ser joħloq sotto-kumitat li se jkun iffurmat minn erba' persuni;
Emmanuel Giordimania
Mario Micallef
Walter Muscat
Mary Rose Mifsud.

3.5.2 Is-Sur Cutajar qal li magħhom naturalment hemm ukoll hu nnifsu. Dan ġie approvat b'mod unanimu. Is-Sur Karl Cutajar wera x-xewqa li jkun hemm iżjed membri.

3.5.3 Is-Sur Cutajar talab rapport mingħand is-segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia, bilanċ tal-flus li hemm bħalissa biex jara s-sitwazzjoni tal-Kunsill kif inhi.

3.5.4 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech, staqsiet dwar xogħol ta' arranġament ma' Transport Malta. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia wieġbet li aħna mxejna b'tender u mhux b'direct order.

3.5.5 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech staqsiet ukoll dwar il-cases tal-Kunsilliera; dawn qed imorru għand is-segretarja u staqsiet kemm se jdumu biex jiġu approvati. Is-Sa Mandy Farrugia wieġbet li hemm Marisa li qed tieħu ħsieb u se jkollha l-ħaddiema magħha.

3.5.6 Il-Kunsillier Stefano Sicari staqsa fuq il-villaġġ tal-Milied u qal li jixtieq li l-Kunsillier Kaylocke Buhagiar ikun parti minn dan id-dekasteru, għax ikun ta' kontribut tajjeb minħabba li hu diġà għadda minn din l-esperjenza.

3.5.7 Is-Sindku taqbel li hu jkun parti mis-sotto-kumitat u mhux jinqasam id-dekasteru. Is-sinjura Sindku qaltlu wkoll biex jitkellem dwar dan fil-laqgħa li jmiss.

3.5.8 Il-Kunsillier Stefano Sicari ssuġġerixxa li d-dekasteru tiegħu jkun jismu Events.

3.5.9 Is-Sur Sicari staqsa wkoll dwar il-fondi u l-bżonn li jiftiehmu għal xi fondi (għall-villaġġ tal-Milied) u jekk tkunx l-aħħar deċiżjoni tas-Sindku. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia spjegat li ma kienx hemm l-iskema tal-€50,000, u l-fondi li kellna kienu mir-Reġjun, l-MTA, u ġbarna l-flus minn tad-dawl.

3.5.10 Hi kienet proponiet mas-Sindku preċedenti li jkun hemm sponsor u jagħmel il-villaġġ tal-Milied hu, u l-Kunsill ma joħroġx flus hu. Iżda ma kienx hemm qbil li ssir fuq ġurnata waħda għax inkella jaqa' l-valur tal-villaġġ tal-Milied.

3.5.11 Is-sur Karl Cutajar qal li l-villaġġ tal-Milied ma kienx sar għar-raġuni li ma ħsibniex minn qabel għalih, u li l-flus tal-iskemi ntefqu fuq id-dwal tal-Milied madwar Birkirkara. Is-Sa Mandy Farrugia spjegat dwar kif ma kienx hemm skema.

3.5.12 Il-Kunsillier Gilmour Borg qal li l-ilmenti qed imorru għand persuna waħda, u staqsa jekk hemmx possibilità li jkun hemm aktar nies ladarba qegħdin 13-il kunsillier.

3.5.13 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia wieġbet li mhemmx biżżejjed ħaddiema barra biex jaħdmu l-ilmenti.

3.5.14 Is-Sur Gilmour Borg staqsa wkoll x'jiġri jekk Marisa tkun bis-sick jew leave. Ġie mwieġeb mis-Sinjura Sindku li f'dak il-każ jidħlu jgħinu żewġ tfajliet oħra. Huwa qal li għamel dan l-ilment biex dejjem aktar ngħinu u nilħqu lill-Karkariżi.

3.5.15 Il-Kunsilliera Rosette Cassar irreferiet għall-punt dwar xi insinwazzjoni li saret mis-Sindku li kien hemm xi kliem li s-Sindku keċċiet xi ħaddiema ta' barra u talbet biex din tiġi rtirata għax qed tħoss li din hija akkuża. Għalhekk talbet li jkun hemm il-provi u jiġu mressqa.

3.5.16 - Rosette Cassar irreferiet għall - insinwazzjoni illi għamlet is - Sindku cioe, li jekk kienx hemm xi Kunsilliera li keċċew lill- ħaddiema ta barra.
Sabiex [illegible]

3.5.15

~~3.5.16~~ Is-Sindku tixtieq tistaqsi lill-Kunsilliera wieħed wieħed dwar dan.

3.5.17 Il-Kunsillier Antoine Attard staqsa dwar żewġ approvazzjonijiet mill-Kunsill ta' żewġ Kumitati; il-kumitat Patrimonju Karkariż u Wirt ta' Birkirkara, u ieħor kumitat ta' Fleur-De-Lys.

3.5.18 Il-Kunsillier Antoine Attard talab biex ikun hemm diskussjoni għal perit li jkun jista' jgħaddi r-reviżjoni tal-applikazzjonijiet tal-Planning Authority lill-Kunsill.

3.5.19 Is-Sindku talbet l-ismijiet ta' dawk li jiffurmaw is-sotto-kumitat tal-Patrimonju Karkariż u Wirt Storiku. Antoine Attard ta l-ismijiet li huma:

Azzopardi Andre
Bugeja Joseph
Camilleri Edward
Gauci Mario
Mifsud Clayton
Muscat Terry
Pisani Charlo
Sciberras Sandro
Philip Xuereb

Rigward is-sotto-kumitat ta' Fleur-de-Lys ikun hemm:

Alex Magro
Dr Mark Tanti Caruana
Dr Micheal Axiaq

3.5.20 Dawn il-kumitati ġew approvati b'mod unanimu.

3.5.21 Il-Kunsilliera Yana Debono Grech staqsiet lill-Kunsilliera Jade England dwar in-nies li ser jiffurmaw is-sotto-kumitat ta' Ta' Paris u Jade England wieġbet li qed tagħmel xi kuntatti man-nies u tara min jista' jagħti s-sehem tiegħu.

3.5.22 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello qajmet punt dwar Traffic Management assessment li suppost ilu li ġie mwaqqaf u mwiegħed lir-residenti minn Transport Malta.

3.5.23 Is-sur Karl Cutajar jixtieq jagħmel laqgħa mar-residenti fuqha biex tittieħed deċiżjoni. Iżda qal ukoll li jekk din issir se ikun hemm fehmiet differenti mir-residenti.

3.5.24 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello qalet li fi Triq San Ġiljan talbet li jsir culvert minħabba li jinżel ħafna ilma u n-nies anke qas ikunu jistgħu joħorġu minn djarhom f'maltempata.

3.5.25 Il-Kunsillier Antoine Attard kompla ma' dan u semma culvert li kellha ssir fi Triq Fleur-De-Lys.

**3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 2/9 Petty Cash 2/9**

3.6.1 Dawn ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsilliera kollha.

3.6.2 Dwar il-pagamenti ta' dan ix-xahar Karl staqsa dwar Triq il-Kbira jekk saritx temporanja, u xtaq li jkun hemm stima ta' kemm se tiġi tiswa u kemm swiet. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia wieġbet li ser tibgħat kemm din ser tiġi tiswa wkoll.

3.6.3 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech qalet li hi tapprova kollox, iżda żżomm Punt 56 on hold. Dan għax xtaqet li jkun hemm aktar kjarifiċi.

3.6.4 Qablu magħha wkoll il-Kunsilliera Stefano Sicari, Gilmour Borg, Karl Cutajar, u Rosette Cassar.

3.6.5 Tal-Petty Cash ġie approvat b'mod unanimu mill-Kunsilliera kollha.

**3.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

3.7.1 Il-laqgħa ġiet fit-tmiem fit-8.34pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda kollha.

3.7.2 Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun fis-17 ta' Settembru fis-6pm. Is-Sur Gilmour Borg staqsa jekk tistax tinbidel id-data peress li għandu l-special Olymics. Is-Sindku. qalet li la ftemna li il-laqgħa issir Nhar ta Tlieta il-laqgħa issir it-Tlieta